Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 25/2016

**Retail Marketing Ltd (C34303)**

**Vs**

**Eco Contribution Approving Board**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. B'decizjoni tal-25 ta' Lulju, 2016 il-Bord tal-Appelli dwar l-Eko-Kontribuzzjoni cahad appell ta' Retail Marketing Limited. Dan wara appell li pproponiet l-istess kumpannija minn decizjoni tal-intimat. B'ittra tat-28 ta' Awissu, 2015, l-appellanti kienet giet infurmata mill-intimat:

> *"Reference is made to our earlier correspondence of the 10th and 27th October 2014 in connection with the verification exercise which the Eco Contribution Approving Body (ECAB) had carried out on your economic activity as a Producer who had placed packaging waste on the market during years 2011 and 2012.*
>
> *The report submitted by the auditing from Pricewaterhouse Coopers, dated 10 December 2014, state that the Auditors were, quote: 'unable to perform a full review upon 'Retail Marketing Ltd' because information regarding the packaging waste on individual products imported, that fall under LN 84 of 2010, was not made available' – unquote.*
>
> *In view of these audit findings, the Eco Contribution Approving Body has revoked the provisional exemption from eco-contribution granted for years 2011 and 2012 and is requesting the immediate return of the two, original, provisional certificates for provisional exemption from eco-contribution. Scanned copies of these certificates are being attached herewith, namely No. 154 (for year 2011) and No. 186/12 (for year 2012)".*

2. Il-Bord tal-Appelli dwar l-Eko Kontribuzzjoni cahad l-appell tas-socjeta appellanti ghaliex:

> *"Meta l-Bord fela x-xhieda kollha, inkluz il-prezentazzjonijiet tal-appellant u d-dokumentazzjoni rilevanti inkluza email li ggib id-data ta' 28 ta' Awissu, 2015 li ntbaghtet mis-sur Debrincat ghan-nom tal-Bord tal-Approvazzjoni, johrog car li l-appellant kien gia mwissi li jekk ma tinghatax l-informazzjoni rikjesta, kienet ser tigi rtirata l-ezenzjoni temporanja. Ghalhekk jirrizulta b'mod car li allura l-laqgha ta' Dicembru, kienet biex il-kumpannija Retail Marketing Ltd tigi nfurmata ufficjalment b'dan".*

3. B'rikors prezentat fis-7 ta' Settembru, 2016 l-istess kumpannija appellat minn dik id-decizjoni bl-aggravju jkun li l-Bord tal-Appell dwar l-Eko-Kontribuzzjoni

li twaqqaf bl-artikolu 26 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, ma jissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti u imparzjali, u cjoe':

- Li l-membri jinhatru ghall-perjodu ta' tlett snin u huma soggetti ghas-setgha tal-Ministru li jerga' jahtarhom mill-gdid fi tmiem it-terminu tal-hatra;
- Li l-Ministru jista' unilateralment jiddeciedi li jnehhi Membru minn fuq il-Bord;
- Li ghalkemm il-Bord jista' jiddeciedi li jahtar periti esperti biex jaghtuh parir, il-Bord naqas milli jaghmel dan u dan wassal biex il-Bord ma jkunx indipendenti u imparzjali;
- Li hemm jedd biss ta' appell fuq punti ta' ligi;
- Li l-Bord m'huwiex kostiwit kif jinghad fil-pagna Officially Appointed Bodies fil-website tad-Dipartiment tal-Informazzjoni u ghalhekk skont kif kien gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li waqqfet l-istess Bord.

4. L-appellanti targumenta li dan kollu, *"... jesponi ksur manifest u lampanti tad-dritt ghal smiegh xieraq tal-esponenti kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem"*.

5. L-ilmenti tal-appellanti m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li ddecieda dwaru l-Bord. Bir-rikors tal-appell, l-appellant qeghda ssostni li l-ligi tikser il-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq. Ilment li zgur ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-qorti. Qal sewwa l-appellat li:

> *"... fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi tahseb ghall-procedura appozita li ghandha tigi segwita f'kaz li persuna trid tintavola proceduri ghall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali, liema procedura ma tinkludix illi parti tpoggi ghall-ewwel darba kwistjoni ta' indoli kostituzzjonali quddiem il-Qorti tal-Appell u titlobha sabiex tiddeciedi dwarhom, bhal ma ghamlet is-socjeta appellanti fil-kaz odjern".*

6. Ghaldaqstant, din il-qorti m'ghandhiex il-kompetenza sabiex tippronunzja ruhha dwar l-aggravju tal-appellant.

7. Fir-rigward tal-ilment relatat mal-hatra ta' periti esperti, il-qorti tiddikjara li f'dan il-kaz zgur li ma kienx hemm bzonn li jinhatru *'periti esperti indipendenti u imparzjali biex jaghtu parir dwar kull haga li tista' tkun rilevanti ghal xi appell li jkun qed jinstema' quddiemu'* (artikolu 22(3) tal-Kap. 473) ghaliex l-ilment tal-kumpannija appellanti kien li l-appellat ma tahiex l-opportunita' li taghtih l-informazzjoni li kienet qeghda tintalab minghandha (ara l-avviz tal-appell prezentat fil-Bord tal-Appelli fil-31 ta' Dicembru, 2015). Materja li zgur li m'hijiex ta' natura teknika.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.